# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru,2001**

**Numru 2**

**Avviz.  numru 1561/99mm**

**Brian u Nadya konjugi Wallbank**

**vs**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-28 ta' Ottubru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi hu unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-20 ta' Awissu 1998 fil-limiti ta' Hal Luqa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni GVN 134, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa kkaguna l-habta  tal-vettura numru IAI 987 (gia J-4520) proprjeta' tal-atturi u dak il-hin kienet qed tinsaq minn Brian Wallbank.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600.00), jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu,1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-konvenut bl-ebda mod mhu responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-20 t'Awissu 1998 u li fih kienu nvoluti l-vettura GVN 134 misjuqa mill-konvenut u l-vettura IAI 987 misjuqa minn Brian Wallbank.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li fih kienu nvoluti erba karozzi u li wahda minnhom kienet *semi trailer.* Dan l-incident gara fl-20 t'Awissu 1998 fit-8:45a.m. fl-Luqa Road, Hal Qormi. Minbarra dan s-*semi trailer* IAM 562 misjuq minn Charlot Vella, kien hemm ukoll il-karozza IAI 987 misjuqa mill-attur Brian Wallbank, karozza ohra FBD 976 misjuqa minn Joseph Borg u minibus tal-Gvern GVN 134 misjuq minn Joseph Fenech.

Irrizulta mill-provi illi Joseph Borg u l-attur Brian Wallbank kienu qieghdin isuqu wara xulxin fid-direzzjoni ta' Hal Luqa go Luqa Road. Fin-nahha l-ohra tat-triq kien hemm dan is-*semi trailer* IAM 562 misjuq minn Charlot Vella qed jinstaq fid-direzzjoni opposta ta' Hal Qormi. Meta l-vetturi waslu fil-lilwa illi jidher fir-ritratti illi hemm esibiti a fol 34 tal-process, jaraw il-vettura GVN 134 misjuqa minn Joseph Fenech taghmel manuvra ta' sorpass fuq is-*semi trailer* misjuq minn Charlot Vella.

Irrizulta mill-provi illi Fenech qabez id-*double white line* biex baqa diehel fuq il-karozza misjuqa minn Joseph Borg. Dina minn nahha l-ohra intlaqtet mill-karozza l-ohra misjuqa minn Brian Wallbank illi tefaghha fil-gemb tat-trailer IAM 562.

L-attur Brian Wallbank ighid illi huwa ra dan il-minibus jaqbez is-*semi trailer, jaqbez* ukoll *id-double white line* u jidhol fil-karozza ta' quddiemu. Peress illi dan l-incident gara f'hakka t'ghajn, l-attur Brian Wallbank ma kellux cans jirreagixxi u baqa diehel fil-karozza ta' Borg. B'kawza ta' dan l-incident, il-karozza ta' l-attur giet dikjarata *beyond economical repair.*

Joseph Borg ighid illi huwa kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Hal Luqa fl-*outer lane* vicin id-*double white line.* Meta wasal fil-lilwa, ra dan it-trailer gej mill-faccata fid-direzzjoni opposta. Hin minnhom jinnota minibus gej minn wara dan it-trailer u pprova jaghmel manuvra ta' sorpass. Il-minibus misjuq minn Joseph Fenech qabez id-*double white line* u peress illi ma kienx hemm spazju bizzejjed bejn it-trailer u l-karozza misjuqa minn Borg, Fenech hakk ma' dan it-trailer u laqat il-ponta ta' quddiem tal-lemin tal-karozza ta' Borg, u dawru biex gie jhares lejn it-trailer, fil-pront giet il-karozza misjuqa minn Wallbank minn wara, baqghet diehla go fih u spicca taht it-trailer kif indikat fl-sketch. Joseph Borg jinnega illi kien f'xi mument qed jaghmel manuvra ta' sorpass waqt illi tfacca Fenech bil-minibus tieghu. Il-versjonijiet ta' Wallbank u Borg kif ukoll dik ta' Charlot Vella s-sewwieq tas-*semi trailer* huma korroborati mis-Surgent Bayliss li nvestiga dan il-kaz, fejn qal ukoll illi ma kienx hemm spazju bizzejjed bejn it-trailer u d-*double white line* biex dan ta' l-ahhar ma jigix sorpass minghajr ma jinqabez id-*double white line*. Is-Surgent innota wkoll illi kien hemm xi brix fuq it-trailer illi kien kompatibbli mal-brix fil-vettura misjuqa mill-konvenut. Dana kien jindika illi f'xi hin il-konvenut hakk ma' dan it-trailer waqt illi kien qed jaghmel din il-manuvra.

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni moghtija mill-konvenut hija ghal kollox inverosimili. Dina ma taqbilx mad-dinamika ta' kif gara dan l-incident li juri bic-car illi huwa ghandu jahti principalment u esklussivament ghal dak li gara. Ma hemmx dubbju illi l-konvenut ma osservax

ir-regolamenti tat-traffiku meta gie biex jaghmel manuvra ta' sorpass. Dina ghamilha f'posizzjoni verament perikoluza fil-lilwa fejn ma kienx qed jara l-karozzi gejjin minn faccata. Di piu' kompla pperikola s-sitwazzjoni meta qabez id-*double white line* b'mod illi pogga l-vettura tieghu f'ostakolu dirett ghall-vetturi illi kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. Din is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha ghal fatt illi l-konvenut espona l-vettura tieghu ghall-perikolu ghal hin twil peress illi l-vettura illi kien qieghed jaqbez kienet is-*semi trailer* pjuttost twila u ghalhekk kien jinkombi fuqu l-massimu ta' attenzjoni biex zgur ma jpoggix lilu u lill-utenti l-ohra tat-triq fil-perikolu waqt din il-manuvra ta' sorpass. Ma hemmx dubbju illi din il-manuvra kienet ser tiehu tul ta' hin aktar minn sorpass ta' vettura zghira u ghalhekk l-oneru ta' attenzjoni illi kellu josserva l-konvenut f'dan il-kaz kellu jkun aktar gholi minn normal.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Kummissarju tal-Pulizija vs Lawrence Callus deciza fis-27 ta' Frar 1998 inghad illi persuna ma kellha qatt taghmel manuvra ta' sorpass sakemm kienet certa illi dana setgha jaghmlu minghajr perikolu jew riskju. Ara wkoll Sydney Sanbrook et vs David Pace Bonello Prim Awla 25 ta' Settembru 1995. Barra minn hekk il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 71 tal-*Highway Code* illi jghid "never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourselves or others". Ma hemmx dubbju illi meta si tratta ta' sorpass, il-kondizzjonijiet partikolari tal-lokalita', t-triq u c-cirkostanzi jaghmlu din il-manuvra aktar perikoluza mis-soltu jekk certa fatturi jkunu ta' oneru u jimmitigaw kontra li ssir il-manuvra. F'dan il-kaz il-konvenut kellu kollox kontra

tieghu. Kien ser jaghmel manuvra ta' sorpass ta' vettura twila, fin-nizla, jaqbez id-*double white line,* u f'lilwa. Dawna huma kollha indikazzjonijiet li juru li din il-manuvra messa qatt ma saret f'dawn ic-cirkostanzi, peress illi tkun qed tistieden il-gwaj zgur. Fit-toroq affollati ta' pajjizna wiehed ma jrid jassumi xejn u ma ghandux jaghmel manuvra kemm ta' sorpass jew ta' kwalunkwe xorta ohra jekk ma jkunx cert illi t-triq hija libera. Din hija sitwazzjoni li nigu nfaccati biha kuljum. Veru illi hawn hafna karozzi fit-triq u xi kultant jinkombi fuqna l-pacenzja biex nistennew halli t-triq tkun libera u sewwieq ikun jista jkompli bil-perkors tieghu, pero' zgur illi sewwieq ma ghandux jiehu riski u riskji taht dawn ic-cirkostanzi illi ha l-konvenut huma verament kbar, u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dan ghandu jbaghti l-konsegwenzi ta' dan l-incident peress illi kien sforz ta' traskuragni kbira minn nahha tieghu illi wassal biex ikkawza dawn id-danni kollha lill-vetturi illi kienu fit-triq.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li gara fl-20 ta' Awissu 1998 fil-limiti ta' Hal Luqa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVN 134, meta b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, b'rizultat huwa habat u kkaguna danni fil-vettura numru IAI 987 proprjeta' tal-atturi u dak il-hin kienet qed tinsaq minn Brian Wallbank.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Brian Wallbank l-ammont ta' sitt mitt lira (Lm600.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg